MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 996/2014/1

**Wara l-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv**

**Nru. 1621/14 fl-ismijiet**

**Edmond Mugliette**

**v.**

**More Supermarkets (Hamrun) Limited (C 57252); More Supermarkets (Mosta) Limited (C 60925); More Supermarkets (Fgura) Limited (C 61496) u More Supermarkets (P'Ville) Limited (C 61504)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjetajiet fuq imsemmija fejn jesponu:

"Illi s-Sekwestrant talab il-hrug ta' dan il-Mandat in forza ta' titolu ezekuttiv akwizit minnu permezz ta' Kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu in atti Nutar Dottor Claire Camilleri datat 20 ta' Gunju 2014, rez ezegwibbli permezz tal-ittra ufficjali numri 3050/14;

"Illi l-esponenti qeghdin jikkontestwalment mal-prezentata ta' dan ir-rikors jintavolaw proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti kontra s-sekwestrant u terzi sabiex il-kuntratt *de quo* abbazi ta' liema intalab, u inhareg, il-Mandat *de quo* jigi dikjarat null u bla effett fil-Ligi, u dan stante qerq, frodi u rapprezentanza indebita tal-esponenti fuq il-kuntratt *de quo*;

"Illi l-ezitu ta' din il-kawza tista' tinfluwixxi fuq il-validita` tal-hrug tal-Mandat *de quo*, stante li f'kaz ta' ezitu pozittiv ghall-esponenti, dan il-Mandat konsegwentement jigi null u bla ebda effett fil-Ligi;

"Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tal-Mandat *de quo* sakemm din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi l-kawza li qed tigi intavolata kontestwalment ma' dan l-Att fl-ismijiet More Supermarket (Hamrun) Ltd et vs Edmond Mugliette et;

"Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq."

Rat ir-risposta tal-intimat Edmond Mugliette fejn jesponi:

“1. Illi l-esponenti ghandu titolu ezekuttiv kontra l-intimati.

“2. Illi t-titolu li ghandu l-esponenti huwa kostituzzjoni ta’ debitu fejn l-intimati kkostitwew ruhhom certi likwidi debituri.

“3. Illi l-esponenti rrenda t-titolu ezekuttiv permezz ta’ ittra ufficjali.

“4. Illi barra minn hekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li l-mandat huwa null u bla ebda effett fil-Ligi minhabba qerq frodi u rapprezentanza in debita huma kollha allegazzjonijiet bla bazi legali.

“5. Illi barra minn hekk ir-rikorrenti kellhom diversi opportunitajiet li jikkontestaw dan it-titolu anke meta rcevew l-ittra ufficjali fil-bidu ta’ Ottubru tas-sena kurrenti pero` huma naqsu li anke jipprovaw jaghmlu imqar risposta.

“6. Illi dan huwa attentat iehor mal-hafna ohra sabiex l-intimati ma jonorawx l-obbligi assunti.

“7. Illi l-esponenti jaf illi l-intimati qeghdin jaghmlu minn kollox sabiex jahbu assi appartenti lilhom sabiex ma jonorawx l-obbligi taghhom.

“Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-intimati *stante* li titolu ezekuttiv m’ghandux jigi disturbat.”

Rat il-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghti fil-21 ta' Novembru 2014 illi permezz tieghu t-talba msemmija giet milqugha u giet ordnata s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1621/14;

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Mugliette li permezz tieghu talab li dik il-Qorti thassar u tirrevoka d-digriet imsemmi;

Rat ir-risposta tas-socjetajiet gia` msemmija li permezz taghha, wara li intavolaw tliet eccezzjonijiet preliminari, talbu illi din il-Qorti tichad din it-talba;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell u Dr. James D'Agostino ghas-socjetajiet imsemmija irtira t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari tieghu dwar l-aggravi kif ukoll dwar in-notifika;

Ikkunsidrat:

**Ir-Risposta; Eccezzjoni Preliminari**

Illi in vista tal-fatt li kif issemma, is-socjetajiet appellati irtiraw l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra, tibqa' l-eccezzjoni li skont huma, qabel jigi pprezentat l-appell odjern, kellha tintalab l-awtorizzazzjoni tal-istess Qorti li ppronunzjat id-digriet skont l-Artikolu 229 (3) tal-Kap. 12.

Dan jghid hekk:

> 3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqghet li jsir dak l-appell.

Kif jghid l-istess sub-inciz, dan japplika ghal 'digrieti interlokutorji' u kif ukoll spjegat is-sentenza fl-ismijiet **Linklet Limited v. Terranet Limited** (Prim'Awla, 5 ta' Marzu 2001), *"li dawn il-proceduri jikkoncernaw d-digriet tas-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sekwestru….. (u) l-Artikolu 229 tal-Kap. 12 li jirregola d-drittijiet tal-partijiet milquta b'digrieti tal-Qorti huma intizi biex jipprovdi mezz ta' appell jew rikonsiderazzjoni mill-Qorti minn digrieti interlokutorji u mhux minn kull digriet li din il-Qorti tista' tigi mitluba tippronunzja fuq talba ta' parti interessata. Il-kaz in ezami certament ma ghandux in-natura ta' digriet interlokutorji billi kien jolqot l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv u bl-ebda mod ma jikkoncerna l-andament bejn litiganti."*

Fi kliem iehor il-procedura li biha l-parti sokkombenti ghandha titlob il-permess tappella, tapplika ghal digrieti interlokutorji waqt kawza u mhux bhal kaz odjern fejn il-procedura li wasslet ghad-digriet appellat u l-kwistjoni kienet tintemm hemmhekk kieku ma sarx dan l-appell (naturalment sakemm tigi deciza l-kawza mibdija mis-socjetajiet appellati msemmija fir-rikors promotur ta' dawn l-atti).

Din l-eccezzjoni allura hija respinta.

**Aggravji tal-Appellat**

Illi l-aggravji tal-appellanti mhumiex indikati b'mod linejari izda huma facilment identifikabbli u dawn huma li mar-rikors ma gietx prezentata kopja tal-mandat, li l-appellati damu ma prezentaw il-proceduri odjerni, li l-appellanti jsofru pregudizzju jekk id-digriet jibqa' *'in vigore'* u finalment kellhom jigu segwiti d-dettami tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12.

Dwar **l-ewwel aggravju** din il-Qorti taqbel mal-appellati illi ladarba l-procedura inkwistjoni titlob li titressaq quddiem l-istess Qorti li tkun qed tisma' l-kawza, dik il-Qorti jkollha l-atti kollha relattivi quddiemha u allura ma hemmx daqshekk

bzonn li jkun hemm mar-rikors anke kopja tal-att li tkun qed tintalab ir-revoka tieghu, ghalkemm ghal skopijiet amministrattivi jkun certament ahjar. Dan l-aggravju allura huwa respint.

Anke dwar id-dewmien biex gew prezentati l-proceduri ma jidhirx li dan huwa aggravju li ghandu jigi milqugh. Il-mandat gie prezentat fit-18 ta' Ottubru 2014 u r-rikors fil-11 ta' Novembru 2014 u dan wara li kienet giet prezentata ittra gudizzjarja fil-frattemp. Kwindi ma kienx hemm id-dewmien li ghaliha jirreferu l-appellati u allura anke **t-tieni aggravju** huwa respint.

Kwantu **ghat-tielet aggravju**, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi jkun ta' pregudizzju akbar ghal appellati kieku l-ezekuzzjoni ma tigix sospiza, in vista tal-fatt li hemm kawza pendenti dwar il-validita` o meno tal-att li ta' lok ghat-titolu ezekuttiv vantat mill-appellati. Oltre dan, kif sewwa ssottomettew l-appellati t-titolu ezekuttiv u l-mandat inkwistjoni ghadhom *in vigore* u l-mandat huwa biss temporanjament sospiz sakemm jigu decizi l-proceduri dwar il-validita` tal-mandat. Allura l-appellati mhumiex se jsofru pregudizzju hlief naturalment id-dwejjaq li jistennew l-ezitu tal-kawza biex f'kaz li din tigi deciza favur taghhom ikunu jistghu jkomplu bil-proceduri ezekuttivi. Mill-banda l-ohra wiehed jista' jahseb li kieku mandat li jkun gie esegwit u sussegwentement il-Qorti ssib li nhareg a bazi ta' titolu li jigi mhassar, il-pregudizzju jkun akbar.

Kwantu ghar-**raba' u l-ahhar aggravju** l-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12 jghid hekk:

> "Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."

Huwa evidenti li dan l-artiklu jirreferi ghat-**thassir** (totali jew parzjali) ta' att ezekuttiv u mhux ghas-sospenzjoni tieghu. Allura ma japplikax ghall-kaz in ezami. Din il-Qorti allura qed tichad anke dan l-aggravju.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma l-provvediment appellat.

L-ispejjez tal-appell pero`, peress li l-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-appellati, jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------